MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-3 ta' Marzu, 2005

Numru 1/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Pierre Micallef Grimaud)**

**Vs**

John Axiak
Mark Micallef

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputati John Axiak ta' karta ta' identita' numru 575083(M) u Mark Camilleri ta' karta ta' identita' numru 575083(M), akkuzati talli fil-31 ta' Dicembru 2004 ghal habta ta' l-12:30 p.m. gewwa xatt ta' Pinto, il-Floriana:

1. ingurjaw jew heddu jew ghamlu offiza fuq persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kienu jaghmlu jew minhabba li kienu jaghmlu dan is-servizz, jew

bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxu fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz – bi ksur ta’ l-Artikolu 95(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi bil-hsieb li jaghmlu delitt urew dan il-hsieb b’atti esterni u taw bidu ghall-esekuzzjini tad-delitt, liema delitt ma kienx gie esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta’ taghhom u cioe’ li kkommettew attentat ta’ hsara volontarja fuq bastiment navali Amerikan bl-isem USS Obannon li kien sorgut fil-Port il-Kbir – bi ksur tal-Artikolu 41(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

3. fl-istess jum, hin u cirkostanzi volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe’ hsara fuq diversi uniformijiet u vettura ghd-dannu tal-Gvern ta’ Malta, kif ukoll fuq proprjeta’ private tal-kumpanija V.I.S.E.T – bi ksur tal-Artikolu 325(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

4. fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi dahlu f’dar jew lok iehor jew f’recint gewwa x-xatt ta’ Pinto il-Floriana proprjeta’ private tal-kumpanija V.I.S.E.T – bi ksur tal-Artikolu 330 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

5. fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi ghamlu vjolazzjoni ohra kontra l-proprjeta’ ta’ haddiehor u cioe’ fi proprjeta’ tal-kumpanija V.I.S.E.T gewwa x-xatt ta’ Pinto il-Floriana – bi ksur ta’ l-Artikolu 340(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema sommarjament mhux opposta;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

Mill-provi l-akkuzi migjuba kontra l-imputati jistghu jigu mfissra kif ser jinghad:

- b'offizi fuq il-persuna ta' ufficjali pubblici fil-kors li kienu jwettqu s-servizz taghhom;
- b'attentat ta' hsara volontarja fuq basement navali Amerikan;
- bi hsara volontarja fuq uniformijiet u vettura tal-Pulizija u wkoll fuq proprjeta' privata tal-kumpanija V.I.S.E.T ;
- bi dhul b'abbuz f'lok;
- bl-offiza kontravenzjonali ta' vjolazzjoni kontra l-proprejta' ta' haddiehor.

Mill-kwadru tal-provi ddelinjat din l-istampa:
- li fil-31 ta' Dicembru 2004 kien hemm sorguti fix-Xatt ta' Pinto zewg vapuri, wiehed ibiegh l-kotba, li kien id-Doulos, u l-iehor bastiment navali Amerikan, li kien l-USS O'Bannon;
- li l-hin kien ghal habta tan-nofs siegha ta' wara nofs in-nhar u kien qieghed isir bejgh ta' kotba mill-vapur Doulos;
- li l-vapuri kienu sorguti f'dik il-parti tal-moll li hija illum gestita mill-kumpanija V.I.S.E.T;
- li kienu ittellghu barrieri sabiex in-nies jigu diretti lejn il-vapur Doulos stante illi z-zewg vapuri kienu sorguti qrib xulxin;
- li l-bastiment Amerikan ma kienx intenzjonat li jkun accessibbli ghall-pubbliku;

L-akkuzi jiskaturixxu minn dawn il-fatti:

- li z-zewg imputati gew osservati mill-pulizija, li kienu ghassa mal-vapur Amerikan, jidhlu minn fejn kienu dehlin nies ohra diretti lejn il-vapur Doulos; li f'hin minnhom iz-zewg imputati qabzu l-barrikati u dderigew ruhhom lejn il-vapur Amerikan; li kellhom zewg basktijiet imdendla minn spalliethom fejn kellhom bott zebgha f'kull wiehed minnhom, liema zeba kienet ta' kulur ahmar; li kif gew osservati jippuntaw lejn il-vapur Amerikan intervenew il-pulizija;
- li l-intenzjoni taz-zewg imputati kienet dik li jcappsu biz-zebgha l-bastiment Amerikan u li ma kienx ghall-intervent tal-pulizija kienu iwettqu dan l-hsieb taghhom; dan ghandu jirrisulta wisq car mhux biss mill-atteggjament

taghhom izda anka minn kliem wiehed minnhom li hu rapportat li esprima dan il-hsieb u imkien retrattat;
- li in segwitu ghall-intervent l-uniformijiet tal-Pulizija sfaw imcappsin biz-zebgha li kienu qeghdin igorru l-imputati.

Illi fl-isfond ta' dan kollu u ezaminati l-akkuzi li fil-fehma tal-Qorti jistghu ireggu kontra l-imputati, cioe', it-tieni, l-hames u t-tielet sa fejn treggi bhala wahda involontarja u limitatament ghall-unifomijiet tal-membri tal-pulizija (akkuza minuri u involuta), jinghad, illi fir-rigward it-tieni ma ngabet ebda prova ta' kemm setghet tkun il-hsara jew ukoll u f'kaz li l-azzjoni tal-imputati kienet tirnexxi jekk kienx ikun hemm hsara. Il-Qorti fin-nuqqas wkoll ta' kull kwerela, ma ssibx li tista' issib reita' f'din l-akkuza kif dedotta. Ir-reita' ta' l-imputati treggi pero' fir-rigward l-akkuzi l-ohra riferiti aktar il-fuq f'dan il-paragrafu.

Rat, ghalhekk, l-Artikolu 325(b), 340(b) u 17 tal-Kap 9 u tikkundanna lill-imputati hamsa u ghoxrin lira Maltin kull wiehed fil-konfront tal-hames akkuza fil-waqt li fil-konfront tat-tielet akkuza bhala wahda involontarja u fil-limiti li tirrizulta, tilliberahom bil-kundizzjoni li ma jaghmlux reat iehor zmien sena mill-lum bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 u a tenur tal-Artikolu 23 tal-istess Kap tordna lill-imputati sabiex ihallsu lill-Kummissarju tal-Pulizija Lm30 kull wiehed in linja ta' kumpens ghad-danni lill-uniformijiet tal-membri tal-korp.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------